# Carlo Darmanin (1825-1909)

## *Il-Prinċep tal-Istatwarji Maltin Mitt sena minn mewtu*

*kitba ta' Victor Caruana* B.A. (Hons), M.A.

Waħda mill-elementi li jsawru ħafna mill-knejjes Maltin huma n-numru ta' statwi li nsibu f'dawn it-tempji għad-devozzjoni tal-fidili. Għalkemm ir-rabta bejn statwa u xi forma ta' reliġjon f'pajjiżna tmur lura sa żmien il-Preistorja, kien primarjament mal-wasla tal-Kavallieri f'Malta li xi skultura sagra bdiet issib postha fil-knejjes Insara Maltin. Bizzejjed ngħidu li għall-ħabta tas-seklu 16, fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat kien hemm statwa fl-injam li turi lil *Kristu flagellat mal-Kolonna*, statwa li għadha tintuża fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira sal-lum. Fl-1618, imbagħad, il-Parroċċa ta' Marija Bambina fl-Isla akkwistat dik li kellha tkun il-vara titulari tagħha, li f'dak iż-żmien, kienet titqiegħed fuq artal fil-ġenb tal-knisja filwaqt li fis-seklu 17, il-Qrendi ħa mingħand il-Parroċċa ta' Bormla statwa tal-Kunċizzjoni li probabbilment kienet l-ewwel vara titulari tagħhom. Huwa probabbli li l-ewwel xbihat popolari fil-knejjes Maltin kienu dawk marbuta mal-Passjoni ta' Kristu u li kienu jintuzaw f'xi purċissjonijiet li kienu jsiru. Wara, aktarx bdew isiru dawk li jirrappreżentaw lill-Madonna, speċjalment taħt it-titlu tar-Rużarju.

Il-popolarità tal-istatwi kompliet tikber matul is-snin, aktar u aktar meta kull parroċċa bdiet tikkummisjona l-aqwa skulturi biex jaħdmu l-vari titulari tagħhom. Sa nofs is-seklu 19, dawn ġeneralment kienu jsiru fl-injam, iżda bit-teknika tal-kartapesta li bdiet dejjem tirfina ruħha, ix-xbihat li bdew isiru kienu qed ikunu orħos u eħfef biex jinġarru bla ma jonqsilhom l-aspett artistiku tagħhom. Għalkemm huwa ċert li fis-seklu 18 Saverio Laferla (miet fl-1761) beda jaħdem statwi sħaħ tal-kartapesta u mhux manikini, kien Giuseppe Vella (1802-1866) li fil-bidu tas-seklu 19 reġa' qajjem il-popolarità tagħhom. Huwa witta t-triq għal numru ta' statwarji oħrajn li ddominaw ix-

xena tal-iskultura sagra f'pajjiżna matul is-seklu 19 u li kienu jinkludu lil Giovanni (c.1817-1908) u Gerolamo Darmanin (1834-1879) kif ukoll lil Vincenzo Maria Cremona (1851-1912). Huwa żgur, pero', li l-aktar statwarju li baqa' msemmi għax-xogħol fil-kartapesta kien Carlo Darmanin. Meta Carlo Darmanin kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu, ma bdewx jiġu kkummissjonati biss vari titulari iżda, b'riżultat tal-popolarità u l-iżvilupp tal-festi esterni u ta' xi devozzjonijiet ġodda li bdew ifaqqsu kważi f'kull parroċċa, bdew isiru wkoll vari sekondarji, vari tal-Ġimgħa l-Kbira, vari għal xi qaddisin popolari oħra u anke statwi biex jitpoġġew fit-toroq u l-pjazzez ewlenin tal-irħula matul il-granet tal-festi. F'għalqa daqshekk wiesgħa, ma kinitx sorpriza li l-abbilità ta' Carlo Darmanin kienet qed tiġi mfittxija minn bosta, tant li llum kwazi ma tmurx f'kull knisja prinċipali f'Malta li ma ssibx statwa ta' dan l-istatwarju magħruf, li proprju din is-sena qed jagħlaq mitt sena mill-mewt tiegħu.


Karlu Darmanin

## Il-Bijografija ta' Carlo Darmanin

**Carlo Darmanin** twieled l-Isla fit-30 t'Awwissu 1825 minn Giuseppe Darmanin u Maria Cumbo, f'dar li kienet iġġib in-numri 174, 175 u 176 ġo Triq ir-Rebħa. Ħutu kienu Filippo, Maria Carmela, Maddalena, Salvatore u Giovanni, li wkoll kien statwarju fil-kartapesta u fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu l-istatwa tal-*Madonna tal-Gilju* fl-Imqabba (1876). Fis-27 ta' Frar 1848, fl-età ta' 23 sena, huwa żżewweġ lil Annetta Ready – bint ġenituri Skoċċizi – fil-Parroċċa ta' Ħal Ghaxaq. Minn dan iż-żwieġ, huma kellhom 16-il wild: Emanuele, Francesco, Maria Carmela, Giuseppe, Cesare, Giuseppe, Giovanni, Guglielmo, Gerardo, Maria Josefa, Maria Vittoria, Francesca, Enrico, Lucia, Renaldo u Maria Carmela.


Il-mara ta' Karlu Darmanin, Annetta Ready

Wara li żżewweġ, **Carlo Darmanin** u l-familja tiegħu baqgħu jgħixu fid-dar tal-ġenituri tiegħu fl-Isla. Carlo Darmanin kien fratell attiv fil-Fratellenza tas-Santissima Trinità fil-Parrocca ta' Marija Bambina fl-Isla, u kien jattendi spiss għal laqgħat li kienu jsiru. Lejn is-sena 1884, madanakollu, **Carlo**, Annetta u t-tfal tagħhom

marru joqogħdu f'dar numru 29, Strada Reale, l-Ħamrun, fejn kellu wkoll l-istudju fejn kien jaħdem. Rikonoxximent importanti għal Carlo Darmanin wasal fl-1896, meta l-Avukat tal-Kuruna faħħar il-karattru ġentili u kwiet tiegħu, kif ukoll il-fatt li kulħadd kien jirrispetta lil dan l-istatwarju għall-abbiltajiet li kellu u għax kien ġentlom. Għalhekk kien jiġi kkunsidrat bħala wieħed minn dawk in-nies li jissejħu "venerabbli" għall-età u l-onesta' tagħhom.

**Carlo Darmanin** miet fis-26 ta' Novembru 1909, fl-età ta' 84 sena fid-dar tiegħu fil-Ħamrun u jinsab midfun fil-qabar tal-Fratellanza tas-Santissima Trinità tal-Isla, fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'qabar numru 67.

## Il-Karriera Artistika ta' Carlo Darmanin

Għalkemm huwa magħruf għall-istatwi li ħadem fil-kartapesta, l-ewwel xogħol ta' Carlo Darmanin kien dak ta' marmista. Fil-fatt, l-ewwel xogħol tiegħu kien ma' missieru, li kien il-propretarju tad-ditta *Giuseppe Darmanin e Figli* u kien jimporta l-irħam u l-granit biex jipproduċi bosta xogħlijiet bħal monumenti, statwi, oqbra, kolonni, balavostri u pavimentar, kemm għall-knejjes u anke għall-kummissjonijiet tal-gvern Ingliż.

Id-ditta *G.Darmanin e Figli* ħadet sehem f'bosta wirjiet barra minn Malta fosthom l-"*Exhibition of the Works of Industry of All Nations*" li saret fl-1851 fil-Crystal Palace ta' Londra, l-"*Paris Exhibition*" tal-1854, 1862 u l-1867 u l-"*Colonial & Indian Exhibition*" tal-1886. F'dawn il-wirjiet, il-familja Darmanin rebħet bosta medalji għax-xogħol ta' kwalità għolja u preċizjoni li pproduċiet.

Wara li mar jgħix il-Ħamrun, Carlo Darmanin beda anke jaħdem xogħlijiet fl-irħam indipendentement mid-ditta ta' familtu, bl-isem ta' *Carlo*



**L-istatwa tas-Salvatur, kapulavur ta' Carlo Darmanin (1864)**

*Darmanin e Figlio*. Fost ix-xogħlijiet li ħadem insibu plakka tal-irħam bl-ismijiet tal-GranMastri fil-Palazz tal-President fil-Belt Valletta. Carlo Darmanin ħadem ukoll bustijiet kemm fl-irham u anke fil-ġebel, bħal ma huma dawk ta' *George Grognet de Vasse* u *Angelo Gatt* fil-knisja Arċipretali tal-Mosta.

Minkejja li kien popolari wkoll bħala marmista, Carlo Darmanin baqa' mfakkar l-aktar għall-istatwi li ħadem fit-teknika tal-kartapesta: teknika li kienet popolari ferm f'Malta fis-seklu 19. Huwa kien jaħdem ukoll statwi f'minjatura kif ukoll pasturi. L-istatwi ta' Carlo Darmanin huma magħmula bi stil Purista bi ħjiel ta' ftit Romantiċizmu, kif kien popolari f'dak iż-żmien. L-enfasi hija fuq l-aspett devozzjonali tal-figuri aktar milli fit-teatriċità u l-moviment qawwi sinonimu mal-istil Barokk. L-esponent ewlieni ta' dan l-istil f'Malta kien il-pittur Giuseppe Hyzler (1793-1858) li wieħed mill-alljievi tiegħu – Giuseppe Calleja (1830-1915) – kemm-il darba kiteb favur Carlo Darmanin fuq il-ġurnali u fuq xi rivisti.

Teknikament, Carlo Darmanin kien jgħaqqad il-biċċiet tal-kartapesta billi jpoġġi biċċiet ta' xoqqa jew tila bil-kolla fuq ix-xquq ta' bejn dawn il-biċċiet u wara kien jagħti kisja rqiqa ta' ġibs fuq ix-xogħol kollu, nkluż l-ixkejjer li kien juża bħala lbies għall-figuri tiegħu. Ġeneralment, l-istatwi ta' Darmanin għandhom tul medju ta' 5 piedi u 8 pulzieri għalkemm ġieli ħadem statwi b'tul ta' 8 piedi. Dawn l-istatwi kienu jissejjħu "kolossali" u fost dawn insibu l-istatwa ta' *Kostantinu l-Kbir* (1882) li tintrama' fil-festa ta' Sant'Elena f'Birkirkara u l-*Guditta* li tintrama' fil-festa ta' Marija Bambina fin-Naxxar.

Il-figuri fl-istatwi ta' Carlo Darmanin għandhom ċertu ħlewwa, b'uċuħ fini u pożi delikati li huma ristretti fil-moviment tagħhom. Il-polikromija (kulur) ta' dawn l-istatwi kien ikun ċar, kif kien komuni f'dawk iż-żminijiet grazzi għall-influwenzi Vittorjani. Il-figuri huma mmudellati tajjeb, b'panneġġi puliti, bi pjiegi kbar u wiesgħa li huma mpoġġija fuq il-figuri b'mod naturali u juru l-anatomija li hemm taħthom.

Huwa kwazi ċert li Darmanin kien jimmudella l-istatwi fuq membri tal-familja tiegħu stess. Jingħad li n-neputi tal-istatwarju stess kien jgħid li l-Madonna fl-istatwa ta' *San Gejtanu* tal-Ħamrun kienet nanntu, jiġifieri l-mara ta' Carlo Darmanin. Min-naħa l-oħra bosta uċuħ tal-anġli li kien jaħdem kienu mmudelati fuq it-tfal tiegħu stess. Karatteristiċi tipiċi f'dawn istatwi huma x-xagħar folt u pjuttost goff, ġeneralment bi troffa fuq quddiem

jew b'ferq fin-nofs, kpiepel tal-għajnejn ħoxnin u ħalq żgħir b'xofftejn imlaħħmin.

Matul il-karriera artistika tiegħu, Carlo Darmanin ħadem 5 statwi titulari, li huma *Santa Margerita* għas-Sannat Għawdex (saret fl-1863 u ġiet mibdula minn statwa oħra fl-1891), it-*Trasfigurazzjoni* għal Ħal Lija (1864), *San Leonardu* ghal Ħal Kirkop (saret fl-1877 u nbidlet minn statwa oħra tal-injam fl-1949), *San Gejtanu* għall-Ħamrun (1884-1888) u *San Ġiljan* għar-raħal ta' San Ġiljan (1893). Huwa ħadem ukoll żewġ statwi għal festi sekondarji, li huma l-*Madonna ta' Lourdes* għall-Qrendi (1878) u *San Mikiel* (1882) għal Ħaż-Żabbar. Min-naħa l-oħra, ipproduċa wkoll xi 23 vara tal-Ġimgħa l-Kbira li jintużaw fil-purċissjonijiet marbutin mal-Passjoni ta' Ġesù Kristu.



Karlu Darmanin jaħdem fuq l-istatwa.

Fost l-aktar vari tal-Ġimgħa l-Kbira importanti li ħadem, insibu *Kristu fl-Ort* li jinsab fil-Kolleġġjata ta' Bormla (xogħol tal-1878) peress li kien l-ewwel wieħed li nħadem b'żewġ anġli, il-*Veronika* li nsibu fil-knisja tal-Mosta (li saret fl-1895) li kienet innovattiva minħabba li mal-figura prinċipali nsibu tifla ġġorr ġarra bl-ilma u t-*Tradiment ta' Guda*, li nħadmet fl-1908 u li kienet l-ewwel statwa b'dan is-suġġett fil-gżejjer Maltin.

Carlo Darmanin kellu żewġ alljievi partikolari li baqgħu jaħdmu l-istatwi fuq it-tradizzjoni u l-istil tiegħu, li kienu Carmelo Mallia (1880-1931) – li ħadem il-vara titulari ta' *Santa Venera* f'Santa Venera u d-*Duluri* fil-Parroċċi ta' San Pawl il-Baħar u l-Isla - u Joseph Cilia li eventwalment wiret il-ħanut tax-xogħol u kien is-suċċessur ta' Carlo Darmanin. Huwa ħadem l-istatwi ta' *San Ġużepp* f'Ħal Qormi (l-istatwa l-antika) u f' H'Attard fost statwi oħrajn.

Bla dubju ta' xejn, Carlo Darmanin kien kontributur ewlieni fl-istorja tal-arti sagra f'pajjiżna fejn għandha x'taqsam l-iskultura. F'għeluq l-ewwel ċentinarju mill-mewt tiegħu, tajjeb li dan l-istatwarji jibqa' mfakkar mhux biss għax-xogħol kbir li ħadem fil-kartapesta, iżda wkoll bħala marmista ewlieni f'pajjiżna u bħala bniedem twajjeb u umli li kulħadd kien jirrispetta.